MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Talba Numru. 175/2009

**Go Plc (C 22334)**

**Vs**

**Kevin Noel Catania (ID 38907 L) u martu Charmaine Catania (ID 192572 M)**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' seba` mija u tlieta u sittin ewro u erbghin ewro centezmu (€763.40) liema ammont huwa dovut mill-istess konvenuti lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi telefonici li jgibu n-numri 2144 4678 u 2148 2257 (CN267127 AC10135956 u 10146995 rsipettivament) skond kif jirrizulta mid-dokumenti mmarkati IZY 1, IZY2, IZY3, IZY4, u IZY5 annessi mat-talba.

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghal hlas izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu  ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notfikati u l-anqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi  l-konvenuti naqsu li jidhru ghas-seduta tal-lum.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tas-6 ta' April, 2009 mill-Avukat Dr. Ingrid Zammit Young u l-fatt illi l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra illi l-konvenuti naqsu li jikkontestaw il-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------